# DAĦLA



Is-saħħa u l-kura tas-saħħa huma prijorità għal kull wieħed u waħda minna.  Il-prevenzjoni tal-mard kif ukoll il-kura f'waqtha u xierqa meta neħtiġuha huma minn ta' fuq nett fuq l-aġenda tagħna. Għalhekk, huwa essenzjali li nkunu konxji tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħna bħala pazjenti. Dan iċ-Charter tad-Drittijiet u Responsabbiltajiet tal-Pażjent, l-ewwel wieħed ta' dan it-tip f'Malta, huwa mfassal biex jagħmel dan.

Iċ-Charter jindirizza l-mod kif is-servizz tal-kura tas-saħħa għandu jingħata, il-livell ta' kwalità mistennijja u ż-żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-kura fir-rigward tal-urġenza tal-kundizzjoni tal-pazjent.

**Iċ-Charter huwa strutturat madwar it-tmien prinċipji li ġejjin li jiffurmaw il-pedament għall-għoti ta' servizz tal-kura tas-saħħa sikur u ġust:**

**1.** Protezzjoni tas-Saħħa
**2.** Aċċess
**3.** Informazzjoni
**4.** Parteċipazzjoni u Kunsens Infurmat
**5.** Privatezza u Kunfidenzjalità
**6.** Dinjità u Rispett
**7.** Kura tas-saħħa sikura
**8.** Kummenti u Ilmenti

Dan iċ-Charter ġie ifformulat wara konsultazzjoni wiesgħa u estensiva. Hekk kif jidħol fis-seħħ u l-impatt tiegħu jibda jinħass, dan iċ-Charter se jagħti lid-Dipartiment tas-Saħħa l-opportunità li jimmonitorja l-*feedback*, bil-għan li fil-futur ikompli jitjieb.



Chris Fearne
**Il-Ministru tas-Saħħa**

21 ta' Novembru 2016

# WERREJ


Daħla . . . . . 2

Introduzzjoni . . . . . 4

Definizzjonijiet . . . . . 5

**Prinċipju 1:** Protezzjoni tas-Saħħa . . . . . 7

**Prinċipju 2:** Aċċess . . . . . 8

**Prinċipju 3:** Informazzjoni . . . . . 11

**Prinċipju 4:** Teħid ta' deċiżjonijiet b'mod kondiviż u kunsens infurmat . . . . . 13

**Prinċipju 5:** Privatezza u Kunfidenzjalità . . . . . 15

**Prinċipju 6:** Dinjità u Rispett . . . . . 16

**Prinċipju 7:** Sikurezza . . . . . 17

**Prinċipju 8:** Kummenti u Ilmenti . . . . . 18

Konklużjoni . . . . . 19

Aktar Informazzjoni . . . . . 20


Charter ta' Drittijiet
u Responsabbiltajiet
tal-Pazjent

# INTRODUZZJONI

Din iċ-Charter jenfasizza l-livell tas-servizz li wieħed jistenna meta jagħmel użu mis-servizz pubblika tas-saħħa. Iċ-Charter għandu l-għan li jiffaċilita r-relazzjoni bejn min jagħmel użu mis-servizzi u dawk li jipprovdu s-servizzi. Iċ-Charter għandu l-għan li jipprovdi mezz li jippermetti li s-servizz jaħdem b'mod effettiv u jiżgura li r-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti. Iż-żieda fir-responsabbiltà mistennija tiżgura effett pożittiv fuq il-kura mogħtija lill-pazjent. Billi dan huwa l-ewwel Charter Nazzjonali dwar il-Pazjent ta' dan it-tip u f'numru ta' oqsma għad fadal ħafna xi jsir, huwa previst li l-miri stabbiliti f'dan iċ-Charter jidħlu fis-seħħ b'mod sħiħ fi żmien sena mill-pubblikazzjoni tiegħu.

## Prinċipji Ewlenin

Iċ-Charter huwa bbażat fuq il-prinċipji li jiffurmaw il-pedament għall-għoti ta' servizz tal-kura tas-saħħa sikur u ġust. Dawn il-prinċipji ġew stabbiliti wara analiżi bir-reqqa ta' Charters dwar il-pazjent lokali u internazzjonali u strumenti simili oħra. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet jirrappreżentaw impenn jew definizzjoni ta' dak li għandu jiġi mis-tenni mill-pazjenti u dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa fi ħdan is-Servizz Pubb-liku tas-Saħħa. Dawn huma mfassla biex jippromwovu kura li hija personalizzata, preventiva u parteċipatorja fir-rigward tal-mard, kif iddikjarat fl-Att dwar il-Kura tas-Saħħa.

**It-tmien prinċipji huma d-dritt għal:**

1. Protezzjoni tas-Saħħa
2. Aċċess
3. Informazzjoni
4. Parteċipazzjoni u Kunsens Infurmat
5. Privatezza u Kunfidenzjalità
6. Dinjità u Rispett
7. Kura tas-Saħħa Sikura
8. Kummenti u Ilmenti

Dawn il-prinċipji jistabbilixxu l-parteċipazzjoni tal-pazjent bħala prijorità ewlenija fis-servizzi kollha tal-kura tas-saħħa.

## It-termini użati f'dan id-dokument, sakemm mhux iddikjarat mod ieħor, huma definiti kif ġej:

**Benefiċjenza:** Il-benefiċjenza hija azzjoni li ssir għall-benefiċċju ta' oħrajn. Azzjonjiet benefiċjenti jistgħu jittieħdu biex jipprevjenu jew ineħħu l-perikli jew biex sempliċement itejbu s-sitwazzjoni ta' oħrajn.

**Carers:** Individwi li, bħal sħab jew ħbieb, jieħdu ħsieb persuni oħra li jkunu qed jirċievu l-kura tas-saħħa.

**Charter:** Dikjarazzjoni ta' impenji dwar drittijiet u responsabbiltajiet.

**Dak li jipprovdi l-kura tas-saħħa:** Kwalunkwe persuna li tipprovdi l-kura tas-saħħa fuq bażi privata fit-territorju Malti.

**Dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa:** L-individwi li qed jipprovdu l-kura meħtieġa lill-pazjent.

**Emerġenza:** Sitwazzjoni li teħtieġ attenzjoni immedjata u azzjoni ta' rimedju.

**Kura tas-Saħħa:** Is-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew jirkupraw l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-iddispensar u l-għoti ta' prodotti mediċinali u apparat mediku.

**Kura tas-saħħa *crossborder*:** Kura tas-saħħa pprovduta jew preskritta fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru tal-affiljazzjoni, Malta.

**Ministru:** Il-Ministru responsabbli mis-Saħħa.

**Nonmalefiċenza:** Prinċipju etiku li jobbliga lill-individwu ma jagħmilx ħsara intenzjonata.

**Organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa:** L-organizzazzjoni/l-istituzzjoni li tagħti kura li tvarja minn kura primarja, sekondarja sa dik terzjarja.

**Pazjent:** Persuna li qed tirċievi, jew tkun irċeviet, attenzjoni medika, kura medika, jew trattament mediku, kemm f'ambjent tal-kura tas-saħħa jew mod ieħor.

# DEFINIZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| **Punt ta' deċiżjoni klinika:** | Għall-finijiet taċ-Charter dwar il-pazjent fil-ġeneralità tiegħu u sakemm il-kuntest kliniku speċifiku ma jitlobx mod ieħor, il-punt tad-deċiżjoni klinika għandu jitqies bħala l-punt li fih ikunu saru l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-pazjent, inkluż il-monitoraġġ, u l-ispeċjalista jkun identifika u ddokumenta l-kura u/jew l-intervent meħtieġa u l-pazjent ikun wera li jaqbel ma' din il-kura, u/jew l-intervent li qed jiġi rrakkomandat. |
| **Qarib:** | Qarib kif definit skont l-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, iżda wkoll kwalunkwe persuna li jkollha relazzjoni personali mill-qrib mal-pazjent. |
| **Responsabbiltajiet:** | L-obbligu tal-pazjenti/utenti lejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa biex dawn jaħdmu b'mod effiċjenti. |
| **Saħħa:** | Stat ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali komplut u mhux sempliċement in-nuqqas ta' mard jew in-nuqqas ta' saħħa. |
| **Servizzi tal-kura tas-saħħa:** | Is-servizzi tal-kura tas-saħħa kollha mogħtija fi sptar, klinika jew ambjent tal-kura fil-komunità ieħor. |
| **Sħab:** | Individwi li għandhom relazzjoni mill-qrib mal-pazjent. |
| **Utenti tas-servizzi:** | Individwi li jużaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa bħal pazjenti jew klijenti. |

*Id-dritt għal servizzi li jippromwovu s-saħħa u l-benesseri, jipprevjenu l-mard, jappoġġaw u jawtorizzaw lil dawk b'mard kroniku biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-kura tagħhom stess.*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jirċievi informazzjoni u parir dwar kif jibqa' kemm jista' jkun b'saħħtu.
2. Li jipparteċipa fi programmi ta' skrinjar u immunizzazzjoni mmexxija mill-istat skont protokolli attwali dwar l-iskrinjar.
3. Li jirċievi informazzjoni u parir dwar kif l-aħjar li jimmaniġġja huwa stess problema tas-saħħa eżistenti.
4. Li jistenna li infezzjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-Isptar (HAI) jingħataw prirjorità dovuta mill-professjonisti kollha tal-kura tas-saħħa.
5. Li jirċevi dan kollu msemmi hawn fuq irrispettivament mill-età, il-kulur, id-diżabilità jew il-mard, is-sess, iż-żwieġ, is-sħubija ċivili, il-maternità, ir-razza, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali, in-nazzjonalità, il-politika jew l-istat soċjali.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu billi jadotta stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa.
2. Li jfittex informazzjoni u ħiliet dwar kif iżomm ruħu b'saħħtu u jipproteġi s-saħħa tiegħu.
3. Li jipparteċipa fi programmi attwali ta' immunizzazzjoni biex jippreveni t-tixrid ta' mard infettiv.
4. Li jagħmel *check-ups* regolari u jirrapporta kwalunkwe tibdil relatat mas-saħħa lil fornitur tal-kura tas-saħħa.
5. Li jfittex għajnuna minn gruppi ta' appoġġ, NGOs u persuni li jgħixu b'kundizzjonijiet simili.
6. Li jadotta attitudni pożittiva lejn il-ħajja u s-saħħa.
7. Li jirrispetta d-drittijiet ta' oħrajn u ma jipperikolax il-ħajja u s-saħħa ta' persuni oħra.
8. Li jikkonforma ma' kwalunkwe informazzjoni u pariri mogħtija minn professjonisti tal-kura tas-saħħa dwar kif l-aħjar li jimmaniġġja problema tas-saħħa eżistenti huwa stess.
9. Fil-każ ta' minorenni, il-protezzjoni tas-saħħa, il-kura u stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa tal-minorenni għandhom ikunu responsabbli minnhom il-ġenitur jew il-kustodju.

# PRINĊIPJU 2 AĊĊESS

*Id-dritt għal aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa skont il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tas-saħħa individwali.*

## Wieħed għandu d-dritt:

**1.** Għal sistema effiċjenti ta' rispons mediku.

**2.** Li jekk ikun hemm il-bżonn jirċievi trattament mediku ta' emerġenza.

**3.** Li jkollu aċċess għal servizzi tas-saħħa u mediċini skont l-intitolamenti determinati mil-Liġi ta' Malta.

**4.** Li jibda pjan ta' kura mmexxi minn speċjalista, meta dan ikun klinikament rakkomandat. Il-pjan tal-kura għandu jkun taħt ir-responsabbiltà ta' professjonist tas-saħħa speċjalizzat imqabbad mill-entità responsabbli.

**5.** Li f'każ ta' emerġenza l-kura/l-intervent jinbdew immedjatament: (kundizzjoni ta' emerġenza hija waħda li tista' tikkawża ħsara lis-saħħa jew tipperikola l-ħajja ta' individwu b'mod permanenti jekk dan ma jingħatax kura immedjatament). Il-kura/l-intervent iridu jinbdew immedjatament mal-ewwel kuntatt ma' professjonist tal-kura tas-saħħa kompetenti.

**6.** Li jinbeda t-trattament/l-intervent immexxi minn speċjalista f'perjodu ta' żmien kif stipulat hawn taħt, sakemm wieħed ma jagħżilx li jistenna aktar jew jiġi deċiż klinikament li għandu jistenna aktar.

   **a.** F'każ urġenti: (kundizzjoni li għandha l-potenzjal immedjat li tiddeterjora sal-punt li tista' ssir emerġenza jew ta' periklu għall-ħajja). Il-kura/l-intervent iridu jinbdew f'perjodu massimu ta' 12-il ġimgħa. (Mhux applikabbli jekk jkun hemm id-deterjorament fis-saħħa);

   **b.** F'każ mhux urġenti (elettiv): Il-kura/l-intervent iridu jinbdew fi żmien 18-il xahar għal kundizzjoni li x'aktarx ma tiddeterjorax malajr u li m'għandhiex il-potenzjal immedjat li ssir emerġenza.

**6.1 Id-dritt li jinbeda t-trattament f'dawn il-perjodi ta' żmien ma japplikax:**

- **a.** jekk wieħed jagħżel li jistenna aktar;
- **b.** jekk id-dewmien biex jingħata bidu għat-trattament tal-individwu ikun fl-aħjar interess kliniku tiegħu;
- **c.** jekk ikun klinikament xieraq għall-kundizzjoni tal-individwu li jiġi immonitorjat b'mod attiv fil-kura sekondarja mingħajr intervent kliniku jew proċeduri dijanjostiċi f'dak l-istadju;
- **d.** jekk it-trattament ma jibqax meħtieġ;
- **e.** jekk wieħed jonqos milli jattendi għal appuntament skedat mingħajr raġuni tajba u valida jew;
- **f.** f'każijiet li jitolbu trapjanti tal-organi.

**Dipartiment ta' l-Emerġenza:**

| Ħinijiet ta' stennija aċċettabbli | Perċentil 50 | Perċentil 90 |
|---|---|---|
| Ħin għall-valutazzjoni inizjali tat-tabib | Sagħtejn | 4 sigħat |
| **Tul ta' żmien tas-soġġorn** | | |
| Pazjenti li ma jiddaħħlux l-isptar | 4 sigħat | 6 sigħat |
| Ħin biex jingħata sodda bħala in-patient (ħin mid-deċiżjoni li jiddaħħal il-pazjent) | 6 sigħat | 8 sigħat |

7. Li jistenna li jiġi infurmat kemm irid jistenna meta jitpoġġa fuq *waiting list* għal kirurġija, proċedura, test jew trattament.
8. Li jfittex awtorizzazzjoni minn qabel għall-kura tas-saħħa permezz ta' persuna li tipprovdi l-kura tas-saħħa fuq bażi privata lokali jew f'pajjiż Ewropew ieħor għal trattament mill-Istat jew privat, f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Kura tas-Saħħa *crossborder* ta' Malta, skont l-Att dwar is-Saħħa, jekk ħin ta' stennija aċċettabbli massimu ddeterminat minn qabel ma jiġix irrispettat. Individwi li jixtiequ jirċievu aktar informazzjoni u kjarifiki dwar dan id-dritt jistgħu jikkuntattjaw il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali fuq il-link: https://health.gov.mt/en/cbhc/Pages/Cross-Border.aspx.
9. Li jkollu aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa pubblika f'Malta u Għawdex irrispettivament mill-età, il-kulur, id-diżabilità jew il-mard, is-sess, iż-żwieġ, is-sħubija ċivili, il-maternità, ir-razza, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali, in-nazzjonalità, il-politika jew l-istat soċjali.
10. Li jkollu kura tas-saħħa adegwata u f'waqtha disponibbli abbażi tal-ħtieġa tal-individwu u mhux fuq jekk jiflaħx iħallas għaliha. Hawnhekk iridu jitqiesu d-drittijiet ta' pazjenti oħra, l-opinjoni klinika u l-użu l-aktar effiċjenti tar-riżorsi u l-intitolamenti disponibbli kif ipprovduti mill-Ministru għas-Saħħa.
11. Li jirċievi informazzjoni dwar id-disponibbiltà tas-Servizzi tas-Saħħa Nazzjonali kollha f'Malta.
12. Li jiġi ttrasferit lejn klinika pubblika jew sptar pubbliku ieħor meta trattament mediku rakkomandat ma jkunx disponibbli fl-isptar pubbliku fejn iddaħħal il-pazjent (eż. trasferiment minn Għawdex għal Malta).
13. Li jistenna li dawk li jfasslu l-politika dwar il-kura tas-Saħħa Nazzjonali jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tal-pajjiż u jipprovdu s-servizzi li jqisuhom meħtieġa biex dawn jiġu ssodisfati.
14. Li jkollu aċċess għall-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (*Pharmacy of Your Choice*) skont l-intitolament.
15. Li jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex wieħed ikollu aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tal-kura tas-saħħa kollha disponibbli fil-komunità.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jattendi appuntament skedat.

2. Li jkun fil-ħin għal appuntamenti skedati. F'każ li wieħed ma jkunx jista' jattendi, dan irid javża fejn kellu l-appuntament skedat.

3. Li jkun id-dar fid-data u l-ħin miftiehma jekk ikun qed jagħmel użu mis-servizzi tal-kura tas-saħħa fil-komunità.

4. Li jipprovdi lill-fornituri tal-kura tas-saħħa b'informazzjoni aġġornata dwar id-dettalji ta' kuntatt tiegħu.

5. Li juża s-servizzi tas-saħħa kif xieraq u b'mod responsabbli. Wieħed għandu jagħmel ħiltu biex jaċċerta li ma jkunx hemm ħela ta' kwalunkwe tip ta' riżorsi bħall-mediċini.

6. Li jifhem li hemm pressjonijiet u limitazzjonijiet ta' riżorsi fuq is-servizz tas-saħħa u dawk li jaħdmu fih.

7. Li jagħmel użu mid-Dipartiment Nazzjonali ta' l-Emerġenza b'mod xieraq.

*Id-dritt li jagħti u jirċievi informazzjoni*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jirċievi l-informazzjoni kollha dwar il-kundizzjoni medika tiegħu, il-kura/it-trattament li qed jirċievi, flimkien ma' għażla tal-kura fi ħdan parametri lokali, riskji u pronjosi stabbiliti.

2. Li jistenna li jiġi infurmat dwar l-ismijiet u r-rwoli tal-fornituri tal-kura tas-saħħa responsabbli għall-kura tiegħu. Kull impjegat għandu jilbes *badge* ta' identifikazzjoni li turi b'mod ċar ismu u l-pożizzjoni tiegħu fl-organizazzjoni.

3. Li jitlob li jinbidel il-Konsulent.

4. Li jistaqsi mistoqsijiet dwar il-kundizzjoni tiegħu u li jkollu aċċess għal informazzjoni miżmuma fil-fajl u r-rekords tal-pazjent tiegħu skont regoli stipulati.

5. Li jikseb appoġġ u informazzjoni biżżejjed biex jipparteċipa fl-immaniġġjar tal-kundizzjoni tiegħu stess. Dan għandu jinkludi kif u meta jieħu l-medikazzjoni u kif jikseb aċċess għal servizzi ta' appoġġ oħra li jistgħu jgħinu fit-titjib tal-benesseri tal-pazjent.

6. Li jirċievi l-informazzjoni xierqa dwar kif jivvaluta u, jekk ikun possibbli, jikkontrolla l-uġigħ huwa stess.

7. Li jirċievi informazzjoni relatata mar-regoli u r-regolamenti ta' organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fejn qiegħed jirċievi l-kura bħalissa.

8. Li jistenna li jirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha relatata ma' provi kliniċi ta' kull tip li jista' jkun soġġett għalihom.

9. Li jipparteċipa u jiddiskuti kwistjonijiet etiċi li jistgħu jinħolqu waqt il-kura tiegħu, inklużi t-trattament, il-parteċipazzjoni fir-riċerka jew proġetti edukattivi.

10. Li jingħata spjegazzjoni dwar il-ħtieġa tat-trasferiment għal faċilità oħra, pereżempju minn Għawdex għal Malta jew viċeversa, jew minn sala għal oħra, jew minn sptar pubbliku għal sptar ieħor.

11. Li jkollu aċċess għal informazzjoni u pariri dwar kif jagħti *feedback*, jagħmel kummenti, jew ilmenti dwar il-kura li jkun irċieva u s-servizzi pprovduti.

12. Li jirrifjuta informazzjoni dwar is-saħħa tiegħu.

13. Li jirċievi nota/ittra biex ikun jista' joħroġ mill-isptar (*discharge note/letter*) li tista' tingħata lit-tabib li jieħu ħsieb il-pazjent fil-komunità u tiġi diskussa miegħu.

# INFORMAZZJONI

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jfittex appoġġ, informazzjoni, u ħiliet biex jadotta stil ta' ħajja aktar aħjar u/jew jikkontrolla l-kundizzjoni tiegħu.

2. Li jinforma lil dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa bi kwalunkwe tibdil fid-dettalji ta' kuntatt tiegħu.

3. Li jipprovdi informazzjoni kompluta u preċiża dwar is-saħħa u l-istorja medika tiegħu, inklużi l-medikazzjonijiet, soġġorni l-isptar, rimedji erbali u kwalunkwe kwistjonijiet oħra li jappartjenu għas-saħħa tiegħu.

4. Li jgħid il-verità u jiddeskrivi s-sintomi bl-aħjar mod possibbli lil dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa.

5. Li jitlob informazzjoni jew kjarifika dwar l-istatus tas-saħħa jew it-trattament tiegħu.

6. Li jiddiskuti l-kontroll tal-uġigħ, jitlob serħan mill-uġigħ jekk ikun meħtieġ, u li jinforma lill-fornitur tal-kura tas-saħħa dwar l-effetti ta' kwalunkwe trattament li jingħata.

7. Li jikkonforma mal-informazzjoni miktuba fil-pjan għall-ħruġ mill-isptar (*discharge plan*) kif diskuss u miftiehem mal-fornituri tal-kura tas-saħħa, u jirrapporta kwalunkwe tibdil fil-kundizzjoni tiegħu wara li joħroġ mill-isptar.

8. Li jżomm lura milli jibda jew jipparteċipa f'kura tas-saħħa qarrieqa u li jirrapporta imġiba mhux etika minn dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa lill-awtoritajiet xierqa. Dan jinkludi li joqgħod lura milli jiltlob informazzjoni mhux korretta, irċevuti, ċertifikati jew trattament mhux meħtieġ.

9. Li jipprovdi prova tal-identità meta jiġi biex juża servizzi tal-kura tas-saħħa.

# TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET KONDIVIŻI U KUNSENS INFURMAT

## PRINĊIPJU 4

*Wieħed għandu d-dritt jipparteċipa fil-proċess kollaborattiv tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa partikolari tiegħu u li jagħmel għażla infurmata dwar it-trattament u l-kura tiegħu.*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jingħata l-informazzjoni kollha relatata mar-riskji, il-benefiċċji u l-konsegwenzi tar-rifjut ta' kwalunkwe trattament jew kura, biex ikun jista' jagħmel għażla infurmata. Meta jkun mentalment kompetenti, wieħed għandu d-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta kwalunkwe trattament, eżami, test jew proċedura tal-iskrinjar li tiġi offruta skont il-liġi. Ir-rifjut tat-trattament irid jiġi ffirmat u ddokumentat, u din id-deċiżjoni trid tiġi kontroffirmata minn xhud.

2. Li jipparteċipa f'deċiżjonijiet dwar il-kura tiegħu. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa għandhom joqogħdu lura milli jieħdu deċiżjonijiet relatati mal-kura u t-trattament mingħajr il-parteċipazzjoni diretta tal-pazjent, ħlief f'każijiet eċċezzjonali.

3. Li jkun involut b'mod attiv matul iż-żjarat mit-tobba. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa għandhom jiddiskutu l-pjan ta' kura matul iż-żjarat fejn il-pazjent u jiżguraw li dan ikun fehem.

4. Li jinvolvi lill-familja jew lill-carer u lit-tabib tal-familja fi kwalunkwe forma ta' proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jekk jixtieq jagħmel dan.

5. Li jiddeċiedi li joħroġ mill-isptar (*discharge oneself*) anke jekk din id-deċiżjoni tmur kontra l-parir tat-tabib sakemm:

   **a.** Ma jkollux ċertu mard infettiv li jista' jinfluwenza s-saħħa tal-oħrajn, jew;

   **b.** Ma jkunx kapaċi jiżgura s-sikurezza tiegħu jew tal-oħrajn kif definit mil-liġi. Wieħed ikun mitlub jiffirma formola ta' *Discharge at Request* qabel ma jitlaq mill-istabbiliment tal-kura tas-saħħa. Il-fornitur tal-kura tas-saħħa ma jistax jinżamm responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minn din l-azzjoni.

6. Li jirtira l-kunsens għal kwalunkwe proċedura dijanjostika jew ta' trattament jekk jiddeċiedi li jagħmel dan wara li jkun ta l-kunsens.

7. Li jirċievi spjegazzjoni dettaljata dwar in-natura u l-konsegwenzi ta' kwalunkwe riċerka jew prova klinika li wieħed jista' jkun mistieden li jipparteċipa fiha, qabel ma titwettaq, u li jikseb u jiddokumenta l-kunsens tiegħu jew ir-rifjut li jipparteċipa.

# TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET KONDIVIŻI U KUNSENS INFURMAT

8. Li jiġi infurmat u li ma jiġix sfurzat biex jieħu deċiżjoni partikolari dwar jekk, fi kwalunkwe stadju, jaċċettax, jirrifjutax jew jirtirax,  li jipparteċipa f'riċerka klinika jew taħriġ għall-istudenti.

9. Id-dritt li jinvolvi spiżjar fi kwistjonijiet relatati ma' mediċini preskritti.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jipparteċipa b'mod attiv f'diskussjonijiet u deċiżjonijiet dwar il-kura tas-saħħa u t-trattament tiegħu.

2. Li jinforma lill-fornitur tal-kura tas-saħħa bi kwalunkwe tibdil fil-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu.

3. Li jikkonforma mar-regoli tal-isptar/tas-sala/tal-unità/tal-ispiżerija.

4. Li jsegwi l-pjan tal-kura sew. Wieħed huwa responsabbli għal kwalunkwe deċiżjoni u eżitu jekk jiddeċiedi li ma jsegwix il-parir miftiehem jew it-trattament rakkomandat.

5. Li jiddiskuti kwalunkwe limitazzjonijiet li jistgħu jfixklu lil persuna milli ssegwi l-pjan tal-kura.

*Id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità.*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jistenna li l-privatezza tiegħu tiġi rrispettata meta jirċievi l-kura tas-saħħa skont iċ-ċirkostanzi differenti. Wieħed huwa intitolat li jkun jaf ir-rwol ta' kull individwu fil-kura tiegħu.

2. Li l-informazzjoni dwar is-saħħa personali tiegħu tinħażen u tiġi pproċessata skont l-Artikolu 257 tal-Att dwar il-Kodiċi Kriminali u l-Protezzjoni tad-Dejta.

3. Li jesprimi x-xewqa li l-informazzjoni dwar is-saħħa personali ma tiġix kondiviża b'modi partikolari bħal pereżempju ma' membru tal-familja.

4. Li jaċċetta jew jirrifjuta kunsens li jittieħdu ritratti għall-finijiet ta' tagħlim jew bħala gwida għall-effikaċja klinika.

5. Li jkollu aċċess għar-rekords tas-saħħa tiegħu stess skont il-protokoll stabbilit mill-istabbiliment tal-kura tas-saħħa.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jiżgura li r-rekords tas-saħħa jkunu preċiżi u aġġornati. Li f'każ li jkun hemm xi bidliet fl-isem, fl-indirizz, in-numru tat-telefon jew dettalji oħra, jinforma lil dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa.

2. Li f'każ li kwalunkwe informazzjoni fuq ir-rekords tas-saħħa ma tkunx korretta jinforma lill-persuna li tipprovdi l-kura tas-saħħa.

3. Li jgħin lil dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-pazjent billi jirrispetta l-privatezza ta' persuni oħra li jkunu qed jagħmlu użu mis-servizz.

# PRINĊIPJU 6 DINJITÀ U RISPETT

*Id-dritt li jintwera rispett, dinjità u kunsiderazzjoni.*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jiġi ttrattat bħala individwu. Wieħed għandu jistenna li dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa juru dinjità, paċenzja, empatija, tolleranza u korteżija.

2. Li jirċievi l-kura b'mod li turi rispett għall-età, il-kulur, id-diżabilità jew il-mard, il-ġeneru, iż-żwieġ, is-sħubija ċivili, il-maternità, ir-razza, ir-reliġjon jew it-twemmin, is-sess jew l-orjentazzjoni sesswali, in-nazzjonalità, jew l-istat soċjali.

3. Li jingħata żmien biex ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar kwalunkwe eżami jew trattament mingħajr ma jkun imġiegħel jagħmel dan minn dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa. Dan ma jibqax jgħodd f'każ ta' emerġenza.

4. Li jistenna li jirċievi t-trattament meħtieġ biex jitnaqqsu t-tbatija u l-uġigħ f'kull fażi tal-marda.

5. Li jistenna kura fit-tmiem tal-ħajja li tkun dinjituża, ta' konfort u li tappoġġa s-serħan minn kwalunkwe tbatija mhux meħtieġa.

6. Li jkun akkumpanjat dejjem minn xi ħadd li jixtieq hu fl-aħħar ta' ħajtu, skont ir-regoli tal-istabbiliment tal-kura tas-saħħa.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jittratta lill-persuni li jipprovdu l-kura tas-saħħa, lil pazjenti oħra, *carers*, u membri tal-familja b'dinjità u rispett.

2. Li ma jkunx vjolenti jew aggressiv lejn il-persuni li jipprovdu l-kura tas-saħħa jew pazjenti oħra, *carers* u membri tal-familja tagħhom.

3. Li ma jagħtix fastidju jew ma jabbużax b'mod razzjali, sesswali jew b'mod ieħor lill-persuni li jipprovdu l-kura tas-saħħa.

4. Li jirrispetta r-regolamenti u l-proċeduri kollha ta' l-entità speċifika.

*Id-dritt għal kura sikura u effettiva.*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jkollu aċċess għas-servizzi tas-saħħa u t-trattament sikuri.

2. Li jistenna li l-kura li jirċievi ma tagħmilx ħsara li tirriżulta mill-funzjonament ħażin ta' xi servizzi li jingħata, malprassi medika u żball. *Handover* xierqa hija importanti biex tinkiseb kontinwità ta' kura sikura.

3. Li jistenna li kwalunkwe kura u trattament jiġu pprovduti minn persuni kwalifikati u esperjenzati kif suppost.

4. Li jistenna li t-trattament jingħata f'ambjent xieraq, sikur u nadif.

5. Li jistenna li l-persuni li jipprovdu il-kura tas-saħħa jieħdu ħsieb l-iġjene tal-idejn qabel il-bidu ta' kwalunkwe tip ta' proċedura.

6. Li ma jkunx ristrett fil-moviment sakemm dan ma jkunx meħtieġ għal trattament mediku jew is-sikurezza tal-pazjent. Din il-ħtieġa għandha tiġi riveduta b'mod frekwenti.

7. Li jistenna li l-istabbilimenti tal-kura tas-saħħa kollha jissodisfaw l-istandards meħtieħa tal-iġjene kif stabbiliti mil-liġi u miftiehma mis-servizzi tas-Saħħa Nazzjonali f'Malta.

8. Li jistenna li kull organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa temenda u taġġorna kontinwament politiki u regolamenti, tipprovdi taħriġ, u timmonitorja servizzi biex jiġi żgurat li l-pazjenti jkunu qed jirċievu l-kwalità tal-kura l-aktar adegwata bl-aktar mod sikur.

9. Li jirċievi kura tas-saħħa li hija olistika fl-approċċ tagħha.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jagħti kwalunkwe informazzjoni relatata mal-mediċini li qed jieħu lil persuna li tipprovdi l-kura tas-saħħa.

2. Li jsegwi kwalunkwe parir li jingħata rigward medikazzjoni u trattament.

3. Li jinforma lil professjonist tal-kura tas-saħħa dwar kwalunkwe allerġija magħrufa għal kwalunkwe mediċina, ikel, u materjal.

4. Li jispiċċa kwalunkwe kors ta' trattament miftiehem u jikkonsulta lit-tabib qabel ma jiddeċiedi li jibdel jew iwaqqaf kwalunkwe trattament.

# SIKUREZZA

5. Ma jiħux medikazzjoni li tkun skaduta jew preskritta għal xi ħadd ieħor.

6. Li jaħżen mediċini f'ambjent xieraq u f'post sikur.

7. Li juża tagħmir tal-kura tas-saħħa għall-użu maħsub tiegħu biss.

8. Li jikkonforma ma' prattiċi għal kontroll ta' infezzjonijiet sabiex jgħin fil-prevenzjoni tat-tixrid ta' infezzjonijiet u mard meta xi ħadd ikun qed iżur jew jirċievi kura fi kwalunkwe entità tal-kura tas-saħħa.

9. Li jieħu ħsieb l-iġjene tal-idejn, qabel ma jżur sala tal-isptar.

10. Li ma jżurx pazjenti fi sptar jekk ikun ma jiflaħx.

11. Li ma jpoġġix bilqiegħda fuq is-sodda ta' kwalunkwe pazjent jekk ikun qed iżur lil xi ħadd l-isptar.

12. Li jqajjem ilment f'każ ta' nuqqas ta' indafa li tista taffetwa l-kura tiegħu.

13. Li jieħu ħsieb kif suppost kwalunkwe tagħmir li jintuża waqt li jkun l-isptar jew li jiġi misluf lilu biex jużah id-dar għall-kontinwazzjoni ta' ċertu trattament jew kura relatati mas-saħħa. Kwalunkwe tagħmir bil-ħsara jrid jiġi rrapportat u rritornat immedjatament.

*Id-dritt li wieħed jikkummenta dwar il-kura u jagħmel ilmenti kostruttivi.*

## Wieħed għandu d-dritt:

1. Li jagħti *feedback*, suġġerimenti u jqajjem tħassib jew ilmenti kif iqis li huwa xieraq. Dan id-dritt ikopri wkoll lil familjari jew *carers* li wkoll jaf jkunu  jixtiequ jipprovdu *feedback*, kummenti jew iqajmu tħassib. Wieħed għandu jagħmel dan mingħajr biża’ ta’ retribuz-zjoni, xkiel ta’ aċċess jew kwalità tal-kura.

2. Li jistenna li jingħata widen, l-ilmenti u s-suġġerimenti sabiex jittejbu s-servizzi tas-saħħa.

3. Li jingħata nformazzjoni u parir dwar kif jagħti *feedback* u jikkummenta jew iqajjem tħassib, jew ilmenti dwar il-kura li jkun irċieva u s-servizzi li jkun għamel użu minnhom.

## Wieħed għandu r-responsabbiltà:

1. Li jipprovdi *feedback* pożittiv kif ukoll negattiv dwar il-kura u t-trattament li jkun irċieva jew dwar is-servizz tas-saħħa b’mod ġenerali. Dan jagħti lill-fornituri tal-kura tas-saħħa l-opportunità li jtejbu l-għoti tal-kura tas-saħħa.

2. Li jiddiskuti kwalunkwe nuqqas ta’ ftehim ta’ kull tip permezz tal-mezzi xierqa.

# KONKLUŻJONI

It-tmien prinċipji deskritti f'dan iċ-Charter dwar il-pazjenti huma maħsuba biex ikunu l-għodda li l-pazjenti jirreferu għalija biex ikunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom, iżda anke biex ikunu konxji mid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom waqt li jagħmlu użu mid-diversi servizzi tal-kura tas-saħħa disponibbli fi ħdan is-sistema tas-Servizz Pubbliku tas-Saħħa. Iċ-Charter jiffoka u jippromwovi il-parteċipazzjoni tal-pazjent u jirrikonoxxi lill-pazjenti bħala individwi bi ħtiġijiet diversi u mhux sempliċement kundizzjoni medika li jeħtieġ li tiġi trattata.

Iċ-Charter jagħti s-setgħa lill-pazjenti u lill-utenti biex jitolbu servizzi ta' kwalità mill-fornituri tal-kura tas-saħħa kollha. Jippermetti wkoll lill-pazjenti, lill-qraba u lill-persuni li jipprovdu l-kura tas-saħħa biex jkun hemm fehim dwar id-drittijiet u r-responsab-biltajiet tal-persuni li qed jirċievu l-kura. Fl-aħħar nett, iċ-Charter huwa maħsub biex jassisti lill-partijiet kollha biex jaħdmu flimkien lejn l-aħjar riżultati lill-pazjenti kollha. Skont l-Att Nru XI tal-2013 iċ-Charter għandu jiġi aġġornat regolarment biex jirrifletti xejriet u kwistjonijiet kontemporanji. Għaldaqstant, dan iċ-Charter għandu jiġi riveduta ħames snin oħra.

> "Id-drittijiet u responsabbilitajiet imsemmija f'dan iċ-Charter japplikaw għal kull individwu b'mod ugwali, irrispettivament mill-ġeneru ta' tali individwu."

# AKTAR INFORMAZZJONI

**Kura *Crossborder*: Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Malta fuq**:
**Email:** crossborderhealth@gov.mt
**Telefon:** +00356 2122 4071, +00356 2299 2381
**Sit web:** https://health.gov.mt/en/cbhc/Pages/Cross- Border.aspx

**L-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali fuq:**
**Email:** mentalhealthcommissioner.mfh@gov.mt;
**Telefon:** +00356 2592 4304
**Sit web:** http://commissionermhop.gov.mt

**Direttorat tas-Saħħa Ambjentali fuq:**
**Email:** mhi@gov.mt
**Telefon:** +00356 2133 7333
**Sit web:** https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx

**Id-Direttorat tal-Istandards tal-Kura tas-Saħħa fuq:**
**Email:** healthstandards.sph@gov.mt
**Sit web:** https://health.gov.mt/en/hcs/Pages/hcs.aspx
**Telefon:** +00356 2595 3343, +00356 2595 3323, +00356 2595 3324

**Sovraintendenza tas-Saħħa Pubblika fuq:**
**Email:** sph.meh-health@gov.mt
**Sit web:** https://health.gov.mt/en/sph/Pages/Superintendence-of-Public-Health.aspx
**Telefon:** +00356 2595 3302/3303

Direttorat tal-Istandards tal-Kura tas-Saħħa

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA